

Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 30 tan-NM jistgħu jiġi interpretati fis-sens li ma huwiex possibbli li prodott li l-komponent ewlieni tiegħu huwa ingredjent attiv (batterji probjotiċi) li jinsab f-supplimenti tal-ikel ikklassifikati taħt is-subintestatura tariffarja 2106 90 98 tan-NM jiġi kklassifikat f-dan il-kapitolu?
 - 2) Sabiex prodott jiġi kklassifikat fil-Kapitolu 30 tan-NM, huwa bizzżejjed li l-manifattur jippreżenta dan il-prodott, li fih ingredjent attiv li għandu effetti benefiċi ġenerali għas-saħħa u ta' sikwit jinsab f-supplimenti tal-ikel, bħala prodott mediċinali u li jbigħu u jikkumerċjalizzah bħala tali?
 - 3) Fid-dawl tal-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tar-regolamentazzjoni tas-suq tal-prodotti mediċinali, l-espressjoni "profil terapewtiku jew profilattiku nettament id-definit" li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, hija rekwiżit ta' klassifikazzjoni fil-Kapitolu 30, għandha tiġi interpretata fis-sens li din tikkorrispondi għall-kunċett ta' prodott mediċinali fis-sens tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem?
-

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Apelacyjny w Warszawie (il-Polonja) fl-4 ta' Jannar 2016 – J. D. vs Prezes Urzędu Regulacji Energetyki

(Kawża C-4/16)

(2016/C 111/09)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Apelacyjny w Warszawie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: J. D.

Konvenuta: Prezes Urzędu Regulacji Energetyki

Domanda preliminari

Il-kunċett ta' idroenerġija inkwantu sors ta' enerġija li tiġġedded, użat fl-Artikolu 2(a), moqrif flimkien mal-Artikolu 5(3) u mal-premessa 30, tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE⁽¹⁾, għandu jinftiehem bħala li jirreferi esklużivament għal enerġija prodotta minn impjant idroelektriku li jisfrutta ilma ġieri miexi l-isfel ta' il-miljiet tal-wiċċi interni, inkluż ilma ġieri miexi l-isfel ta' xmajjar, jew jirreferi wkoll għal enerġija prodotta f'impjant idroelektriku (li ma huwiex impjant kompost minn sistema ta' ħażna bl-ippumpjar jew pompa magna turbina) li jinsab f-punt ta' hrugħ ta' ilma maħmuġ industrijali ta' impija oħra?

⁽¹⁾ ĠU L 140, p. 16.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione tributaria provinciale di Genova (l-Italja) fis-7 ta' Jannar 2016 – Ignazio Messina & C. SpA vs Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti

(Kawża C-10/16)

(2016/C 111/10)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Commissione tributaria provinciale di Genova

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Ignazio Messina & C. SpA

Konvenut: Ministero delle Infrastrutture e dei Trasporti – Capitaneria di porto di Genova

Domandi preliminari

- 1) Ir-Regolament (KEE) Nru 4055/1986 (¹), kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, jipprekludi l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħad-DPR Nru 107/2009, li timponi l-ħlas ta' taxxa ta' ammont differenti skont jekk din tapplikax għal bastimenti li jkunu ġejjin minn jew sejrin lejn port ta' Stat mhux membru tal-UE jew għal bastimenti li jkunu ġejjin minn jew sejrin lejn port Taljan?
- 2) Ir-Regolament (KEE) Nru 4055/1986, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, jipprekludi l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħad-DPR Nru 107/2009, li timponi l-ħlas ta' taxxa ta' ammont differenti skont jekk din tapplikax għal bastimenti li jkunu ġejjin minn jew sejrin lejn port ta' Stat mhux membru tal-UE jew għal bastimenti li jkunu ġejjin minn jew sejrin lejn port tal-Unjoni, meta din id-differenza hija ġġustifikata mit-twettiq ta' funzjonijiet ta' awtorità pubblika u/ jew kompiti u/jew attivitajiet li ma humiex koperti espressament mit-taxxa inkwistjoni?
- 3) Ir-Regolament (KEE) Nru 4055/1986, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, jipprekludi l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħad-DPR Nru 107/2009, li timponi l-ħlas ta' taxxa ta' ammont differenti skont jekk din tapplikax għal bastimenti li jkunu ġejjin minn jew sejrin lejn port ta' Stat mhux membru tal-UE jew għal bastimenti li jkunu ġejjin minn jew sejrin lejn port tal-Unjoni, meta din id-differenza hija ġġustifikata mit-twettiq ta' funzjonijiet ta' awtorità pubblika minn entitajiet oħra għajr dik li lilha titħallas it-taxxa?
- 4) Ir-Regolament (KEE) Nru 4055/1986, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, jipprekludi l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħad-DPR Nru 107/2009, li timponi l-ħlas ta' taxxa ta' ammont differenti skont jekk din tapplikax għal bastimenti li jkunu ġejjin minn jew sejrin lejn port ta' Stat mhux membru tal-UE jew għal bastimenti li jkunu ġejjin minn jew sejrin lejn port tal-Unjoni, meta din id-differenza hija ġġustifikata mit-twettiq ta' funzjonijiet ta' awtorità pubblika, iżda mingħajr ma tīgi ddeterminata kull spiżza li għandha tīgi koperta, b'tali mod li ma jistax jiġi vverifikat, la a priori u lanqas a posteriori, liema spejjeż marbuta ma liema servizzi kienu effettivament koperti, [u] taħt liema kundizzjonijiet u sa' liema ammont din it-taxxa kopriet effettivament tali servizzi?

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4055/86, tat-22 ta' Diċembru 1986, li japplika l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport marittimu bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 174).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione tributaria provinciale di Genova (I-Italja)
fis-7 ta' Jannar 2016 – Ignazio Messina & C. SpA vs Agenzia delle Dogane e dei Monopoli**

(Kawża C-11/16)

(2016/C 111/11)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Commissione tributaria provinciale di Genova

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Ignazio Messina & C. SpA

Konvenuta: Agenzia delle Dogane e dei Monopoli – Ufficio delle dogane di Genova